# 20 ta' Jannar, 1956.

## Imħallef:
## Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

**Serafina Gatt Cecy *versus* Emmanuele Formosa**

## Preskrizzjoni — Subizzjoni — Kapitoli — Prova

*F'każ fejn l-attur jiddeduċi f'ġudizzju kreditu minnu pretiż u l-konvenut jeċċepixxi l-preskrizzjoni, jekk l-attur jikkonferma bix-xhieda tiegħu dak il-kreditu, imma ma jippruvax meta dak il-kreditu nħoloq, waqt li l-konvenut jippreżenta kapitolu kontra l-attur biex jipprova li t-terminu preskrizzjonali ta' dak il-kreditu għadda, u l-attur ma jidherx għal dik is-subizzjoni, il-kapitolu għandu jiġi ritenut konfessat, bil-konsegwenza li l-kreditu mitlub jiġi milqut bil-preskrizzjoni. Xejn ma jiswa li l-attur ikun ippreżenta kapitolu huwa wkoll (sija pure konfessat bil-kontumaċja tal-konvenut) biex jipprova li l-konvenut hu debitur fis-somma mitluba kontra tiegħu għar-raġunijiet indikati fit-taħrika; għax dina l-konfessjoni tista' tippreżumi u tipprova l-eżistenza tal-*

*kreditu, iżda xejn ma tipprova rigward iż-żmien meta dak il-kreditu nħoloq.*

*Il-Qorti mhix obbligata toqgħod dejjem u inalterabbilment fuq konfessjoni preżunta; għax is-subizzjoni hija mezz ta' prova u għandha tiġi eżaminata u valutata bħal u flimkien mal-provi l-oħra kollha tal-kawża. Viċeversa, il-Qorti għandha tuża dejjem id-diskrezzjoni tagħha u tara x'inhija l-prova l-aktar kredibbli; u dan sal-punt li tista' saħansitra ix-xindi l-prova li ġejja mis-subizzjoni. B'mod li, jekk il-kapitoli deferiti lill-attur, anki preżunti konfessati, mhux biżżejjed, fil-fehma tal-Qorti, biex jinnewtralizza l-provi tal-attur, il-kreditu ta' dan għandu jiġi ritenut pruvat.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u wara li jingħataw l-ordnijiet li hemm bżonn, peress illi l-attriċi għad għandha tieħu bilanċ ta' £26 min għand il-konvenut, kwantu għal £3.10.0 flus mogħtija "brevi manu" biex il-konvenut iħallas il-kera, u kwantu għal £22.10.0 bilanċ dovut lill-attriċi ta' ħwejjeġ u oġġetti għall-użu tal-familja tal-konvenut, meħudin minn mart il-konvenut stess bil-kunsens tiegħu; talbet li din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' £26, kwantu għal £3.10.0 rifużjoni ta' self "brevi manu", u kwantu għal £22.10.0 prezz ta' oġġetti mibjugħin lill-mart il-konvenut, bilanċ ta' somma akbar. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-impediment tas-safar ta' persuna tas-6 ta' Ottubru 1953;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qegħedha titlob minn għand il-konvenut...;

Illi in vista tal-kapitoli preżentati "hinc inde", hu xieraq li ż-żewġ partiti jiġu eżaminati separatament;

Illi, kwantu għas-self ta' £3.10.0, dan il-kreditu jinsab konfermat mill-attriċi fix-xhieda tagħha tat-18 ta' Frar 1955 (fol. 16); hija però ma ddikjaratx iż-żmien li fih sar is-self; anzi ppromettiet li teżibixxi r-reġistru fejn kienet niżżlitu, imma r-reġistru qatt ma eżibietu. Mill-banda l-oħra, il-konve-

nut, bil-kapitolu tiegħu, ried jipprova, "inter alia", illi dak is-self kien ilu aktar minn ħames snin; u billi l-attriċi ma dehretx għas-subizzjoni, il-kapitolu għandu jiftiehem konfessat, bil-konsegwenza li għandu jiġi ritenut li dak is-self sar il-ħemm minn ħames snin, u kwindi milqut mill-preskrizzjoni. Xejn ma jiswa illi l-attriċi, fil-kapitolu tagħha (sija pure konfessat bil-kontumaċja tal-konvenut), ippretendiet li tipprova illi huwa debitur fis-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni, għar-raġunijiet hemm indikati; dina l-konfessjoni tista' tippreżumi u tipprova l-eżistenza tas-self, imma xejn ma tipprova rigward iż-żmien li fiħ sar. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut jistħoqqilha tiġi milqugħa;

Illi, kwantu għall-import ta' £22.10.0, l-attriċi kkonfermat dan il-kreditu fl-imsemmija xhieda tagħha (fol. 16), u per mezz tal-kapitolu (fol. 18) otteniet il-konfessjoni preżunta tal-konvenut; mill-banda l-oħra, il-konvenut, fil-kapitolu tiegħu (fol. 19) ried jipprova li huwa ma għandu jagħti xejn lill-attriċi, għaliex qatt ma ssellef jew xtara xejn minn għandha. Din il-konfessjoni preżunta, però, mhix biżżejjed biex tinnewtralizza l-prova riżultanti mix-xhieda tal-attriċi bil-ġurament. Il-Qorti mhix obligata toqgħod dejjem, inalterabbilment, fuq konfessjoni preżunta. Is-subizzjoni hija mezz ta' prova, u għandha tiġi eżaminata u valjata bħal u flimkien mal-provi l-oħra kollha tal-kawża. Diversament tinħoloq l-assurdità illi l-provi l-oħra, anki l-aktar attendibbli, ikollhom iċedu quddiem il-konfessjoni preżunta derivanti mis-subizzjoni. Viċeversa, il-Qorti għandha tuża dejjem id-diskrezzjoni tagħha u tara x-inhija l-prova l-aktar kredibbli, u dan sal-punt li tista' saħansitra ixxindi l-prova li ġejja missubizzjoni (art. 694 (3) Proċ. Ċiv.). F'dan is-sens hija anki l-ġurisprudenza tagħna (v. Kollez. XIX-I-208; VII, 451; XXV-I-1126; u P.A. 28 ta' Ġunju 1952 in re "Dr Antonio Zammit et. vs. Francesco Pace et."). Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti hija tal-fehma illi l-kapitolu tal-konvenut, anki preżunt konfessat, mhux biżżejjed biex jinnewtralizza d-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi; u konsegwentement tirritjeni illi l-kreditu ta' £22.10.0 huwa pruvat;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin relattivament għas-self ta' £3.10.0, u tiċħadha għall-kreditu ta' £22.10.0;

U konsegwentement tilqa' t-talba tal-attriċi, billi tikkundanna l-konvenut iħallsilha s-somma ta' £22.10.0, u tiċħadha għall-kumplament;

L-ispejjeż jitħallsu skond ir-rebħ u t-telf.